MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2163/2002

**Alfred Bonnici u Rosy Bonnici**

**vs**

**Ruben Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rappresentanti danni ikkagjonati f'incident stradali li sehh fil-21 ta' Gunju 2002 ghal habta tat-8:05a.m. fi Triq il-Laring, Attard, liema incident sehh b'tort uniku tal-konvenut meta bi traskuragini, b'imperizja u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku huwa fetah il-bieba tal-vettura stazzjonarja tieghu tal-marka Skoda Favorit numru ta' registrazzjoni FAS227 u laqat il-vettura ta'l-atturi tal-marka Ford Escort numru ta' registrazzjoni BAO174.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali pprezentata f'Lulju 2002 u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta'l-avviz kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-13 ta' Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta'l-avviz.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------